II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/535

tad-29 ta' Marzu 2019

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 ([1]) dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA).

(2) Fil-21 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2055 ([2]), li estendiet id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 sal-31 ta' Marzu 2019.

(3) Fis-27 ta' Marzu 2019, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jestendi l-mandat tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA sat-30 ta' Settembru 2019.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 tiġi emendata kif meħtieġ.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u lanqas ma hi marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha, u ma tieħux sehem fil-finanzjament ta' din l-operazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sat-30 ta' Settembru 2019, l-ammont ta' referenza għall-ispejjeż komuni tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandu jkun ta' EUR 2 761 200. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 għandu jkun ta' 0 % għall-impenji u 0 % għall-pagamenti.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2055 tal-21 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin- Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 327I, 21.12.2018, p. 9).

(2) fl-Artikolu 13, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tintemm fit-30 ta' Settembru 2019.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha ssir effettiva fl-1 ta' April 2019.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
G. CIAMBA